Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2602

23.11.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2602

tat-22 ta' Novembru 2023

li jaċċetta t-talba għal trattament ta' produttur esportatur ġdid fir-rigward tal-miżuri anti-dumping definittivi imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 tas-16 ta' Frar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ([2]) ("ir-Regolament oriġinali"), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi,

1. MIŻURI FIS-SEĦĦ

(1) Fis-16 ta' Frar 2022 il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar ("il-prodott ikkonċernat") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ") permezz tar-Regolament oriġinali.

(2) Fl-investigazzjoni li wasslet għar-Regolament oriġinali ("l-investigazzjoni oriġinali"), il-kampjunar ġie applikat għall-investigazzjoni tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(3) Il-Kummissjoni imponiet rati individwali ta' dazju anti-dumping li jvarjaw minn 22,1 % sa 48,8 % fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għall-produtturi esportaturi mir-RPĊ inklużi fil-kampjun. Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma kinux inklużi fil-kampjun, ġiet imposta rata ta' dazju ta' 39,6 %. Il-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun huma elenkati fl-Anness tar-Regolament oriġinali. Barra minn hekk, ġiet imposta wkoll rata ta' dazju mal-pajjiż kollu ta' 86,5 % fuq il-prodott ikkonċernat prodott minn kumpaniji fir-RPĊ li ma ddikjarawx ruħhom jew inkella ma kkooperawx mal-investigazzjoni.

(4) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament oriġinali, l-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament jista' jiġi emendat billi l-produttur esportatur il-ġdid jingħata r-rata tad-dazju anti-dumping medja ponderata xierqa għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, jiġifieri r-rata tad-dazju ta' 39,6 %, meta dak il-produttur esportatur il-ġdid fir-RPĊ jipprovdi provi biżżejjed lill-Kummissjoni li:

(a) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni li l-miżuri huma bbażati fuqu, jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020 ("il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali") ("il-Kundizzjoni 1");

(b) ma huwa relatat mal-ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-RPĊ li huma soġġetti għall-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament oriġinali ("il-Kundizzjoni 2"); u

(c) jew effettivament esporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-Kundizzjoni 3").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 36, 17.2.2022, p. 1.

2. **TALBA GĦAL TRATTAMENT TA' PRODUTTUR ESPORTATUR ĠDID**

(5) Fl-10 ta' Ottubru 2022, il-kumpanija Ningbo Zhongli Bolts Manufacturing Co., Ltd. ("Zhongli" jew l-"applikant") ippreżentat talba lill-Kummissjoni biex tingħata trattament ta' produttur esportatur ġdid ("NEPT") u għalhekk tkun soġġetta għar-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji li kkooperaw fir-RPĊ mhux inklużi fil-kampjun, billi sostniet li kienet issodisfat it-tliet kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament oriġinali ("it-talba").

(6) Biex jiġi ddeterminat jekk l-applikant jissodisfax il-kundizzjonijiet biex jingħata NEPT kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament oriġinali ("il-kundizzjonijiet għal NEPT"), il-Kummissjoni l-ewwel bagħtet kwestjonarju lill-applikant fejn talbet evidenza li turi li hu kien qed jissodisfa l-kundizzjonijiet għal NEPT. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni infurmat lill-industrija tal-Unjoni bit-talba tal-applikant u stednitha tipprovdi l-kummenti tagħha. L-industrija tal-Unjoni, irrappreżentata mill-Istitut Ewropew tal-Elementi tal-Irbit Industrijali ("EIFI"), ippreżentat kummenti fir-rigward tal-konformità tal-applikant mal-kundizzjonijiet għal NEPT. L-applikant ikkontesta l-allegazzjonijiet tal-EIFI f'sottomissjoni sussegwenti.

(7) Wara l-analiżi tat-tweġiba għall-kwestjonarju u l-kummenti mibgħuta mill-partijiet, il-Kummissjoni talbet informazzjoni ulterjuri u evidenza ta' sostenn mingħand l-applikant permezz ta' notifika ta' irregolarità mibgħuta fl-14 ta' Marzu 2023. L-applikant wieġeb in-notifika ta' irregolarità fil-31 ta' Marzu 2023.

(8) B'mod parallel mal-analiżi tal-evidenza ppreżentata mill-applikant u l-EIFI, il-Kummissjoni kkonsultat il-bażijiet tad-*data* online Orbis ([3]), Qichacha ([4]), Aliyun ([5]) u s-Sistema Nazzjonali tal-Pubblikazzjoni tal-Informazzjoni dwar il-Kreditu għall-Intrapriżi tar-RPĊ ([6]) għal informazzjoni dwar il-kumpanija, u kkontroverifikat l-informazzjoni kollha disponibbli ma' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet.

(9) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni organizzat kontroverifika mill-bogħod ("RCC") mal-applikant. Il-Kummissjoni rat li tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset li hi meħtieġa biex tiddetermina jekk l-applikant issodisfax il-kundizzjonijiet għal NEPT.

3. **ANALIŻI TAT-TALBA**

(10) Fir-rigward tal-kwistjonijiet preliminari mqajma mill-EIFI, il-Kummissjoni stabbiliet li l-applikant mhuwiex negozjant u li l-applikant ipprovda awtorizzazzjoni xierqa għall-persuna li ffirmat it-talba tal-applikant.

(11) Bħala kwistjoni preliminari, l-EIFI sostna li l-applikant jista' jkun negozjant minħabba li: (i) id-deskrizzjoni fis-sit web tiegħu ([7]) tindika li jlaqqa' lix-xerrejja globali mal-produtturi Ċiniżi, u (ii) huwa membru tal-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Makkinarju u Prodotti Elettroniċi ("CCCME"), korp kummerċjali li rrappreżenta l-produtturi esportaturi fl-investigazzjoni oriġinali. Barra minn hekk, l-EIFI nnota li l-persuna firmatarja tat-talba għal NEPT hija "maniġer tal-bejgħ", filwaqt li ma hemm l-ebda evidenza li tali persuna tista' tagħmel talbiet f'isem il-kumpanija u argumentat li t-talba għal NEPT għandha tiġi miċħuda biss fuq dik il-bażi.

(12) L-applikant ikkontesta l-allegazzjonijiet ta' hawn fuq, billi sostna li s-sit imsemmi mill-EIFI ma kienx fil-fatt is-sit tal-applikant, iżda l-pjattaforma tal-kummerċ elettroniku B2B, CHINA.CN, li fiha informazzjoni dwar għadd ta' kumpaniji. Barra minn hekk, l-applikant iddikjara li mhuwiex membru tas-CCCME, iżda juża is-sit tagħha għal skopijiet ta' promozzjoni biss, filwaqt li s-CCCME fi kwalunkwe każ tirrappreżenta wkoll manifatturi u entitajiet oħrajn. Fl-aħħar nett, l-applikant sostna li l-maniġer tal-bejgħ tal-kumpanija kellu d-dritt jiffirma t-talba għal NEPT f'isem il-kumpanija.

([3]) Orbis huwa fornitur globali tad-*data* ta' informazzjoni korporattiva li jkopri aktar minn 220 miljun kumpanija madwar id-dinja. Huwa jipprovdi prinċipalment informazzjoni standardizzata dwar kumpaniji privati u strutturi korporattivi.

([4]) Qichacha hija bażi tad-*data* privata Ċiniża, bi skop ta' qligħ, li tipprovdi *data* kummerċjali, informazzjoni dwar il-kreditu, u analitika dwar kumpaniji privati u pubbliċi bbażati fir-RPĊ, lill-konsumaturi/lill-professjonisti.

([5]) Aliyun (magħrufa wkoll bħala Alibaba Cloud) hija sussidjarja tal-Alibaba Group. Hija tipprovdi servizzi ta' cloud computing lin-negozji online u lill-ekosistema tal-kummerċ elettroniku ta' Alibaba stess u, fost karatteristiċi oħrajn, iservi bħala bażi tad-*data* li tipprovdi *data* kummerċjali, informazzjoni dwar il-kreditu u tipi oħrajn ta' informazzjoni dwar kumpaniji privati u pubbliċi bbażati fir-RPĊ lill-konsumaturi/professjonisti.

([6]) Is-Sistema Nazzjonali tal-Pubblikazzjoni tal-Informazzjoni dwar il-Kreditu għall-Intrapriżi hija aġenzija governattiva Ċiniża ta' informazzjoni dwar il-kreditu. Hija żviluppata u mmexxija mill-Amministrazzjoni tal-Istat għar-Regolamentazzjoni tas-Suq (SAMR) taċ-Ċina, li taġixxi bħala l-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji fiċ-Ċina.

([7]) https://ningbozhongli.en.china.cn/, viżitata fit-12 ta' Settembru 2023.

(13) L-ewwel nett, il-Kummissjoni kkonstatat li s-sit li l-EIFI allegat li jappartjeni lill-applikant (CHINA.CN) fil-fatt ma kienx is-sit uffiċjali tal-applikant. Għaldaqstant, ma setgħet tinsilet l-ebda konklużjoni dwar l-istatus tal-applikant mid-deskrizzjoni ta' dan is-sit. It-tieni, il-Kummissjoni kkonfermat li s-sit tas-CCCME ([8]) ma jindikax li l-applikant huwa wieħed mill-membri tas-CCCME, iżda sempliċement li jirreklama hemmhekk. Fl-aħħar nett, l-analiżi u l-verifika tal-kontijiet finanzjarji tal-applikant waqt l-RCC ma wrewx xiri tal-prodott ikkonċernat mingħand terzi. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni tal-EIFI bħala infondata u, fin-nuqqas ta' provi ulterjuri għall-kuntrarju, ikkonkludiet li l-applikant mhuwiex negozjant tal-prodott ikkonċernat iżda produttur esportatur.

(14) L-applikant ipprovda wkoll awtorizzazzjoni mid-direttur eżekuttiv, li ġie kkonfermat bħala rappreżentant legali tal-kumpanija abbażi tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tal-kumpanija, li awtorizza lill-maniġer tal-bejgħ jiffirma f'isem il-kumpanija fit-talba għal NEPT. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li t-talba għal NEPT ġiet ippreżentata kif suppost u ma qisitx li kien meħtieġ li teżamina ulterjorment jekk it-talba għandhiex tiġi miċħuda fuq din il-bażi.

(15) Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni għal NEPT, l-industrija tal-Unjoni sostniet li l-applikant ma ppreżenta l-ebda prova ta' nuqqas ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, filwaqt li l-applikant online jiddikjara li jesporta lejn "l-Ewropa" u "l-Ewropa tal-Lvant", u dan kien fuq is-sit web tiegħu anke matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, u għalhekk ikun raġonevoli li jiġi konkluż li dan jinkludi esportazzjonijiet lejn l-Unjoni. Fit-tweġiba tiegħu għall-kummenti tal-EIFI, l-applikant innota li l-esportazzjonijiet lejn l-Ewropa mhux neċessarjament ifissru li esporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, u li l-Kummissjoni setgħet tivverifika n-nuqqas ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni mir-rekords tal-kumpanija u mal-awtoritajiet doganali tal-Unjoni.

(16) Il-Kummissjoni ddeterminat li Zhongli twaqqfet fl-2003, iżda kien biss f'Mejju 2018 li kisbet liċenzja għall-esportazzjoni u bdiet tesporta kwantitajiet sinifikanti tal-prodott ikkonċernat fl-2021. Skont l-evidenza li pprovdiet Zhongli, kien f'April 2021 li l-kumpanija għamlet l-ewwel bejgħ tagħha tal-prodott ikkonċernat lill-Unjoni. Tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni preċedenti tal-prodott ikkonċernat, kif jidher mill-ktieb tal-bejgħ li jmorru lura sa Jannar 2019, kienu kollha destinati għal pajjiżi terzi fl-Asja u fl-Afrika, minkejja d-dikjarazzjonijiet li saru online.

(17) Il-Kummissjoni vverifikat it-tranżazzjonijiet kollha tal-esportazzjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali u ma sabet l-ebda evidenza ta' esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni. Speċifikament, il-ktieb tal-bejgħ tal-kumpanija ma kien fih l-ebda rekord tat-tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali, filwaqt li l-ktieb tal-kontijiet tal-kumpanija matul dak il-perjodu kienu konformi mar-rapporti finanzjarji tal-kumpanija. Fil-fatt, il-ktieb tal-bejgħ ivverifikat wera li l-ewwel bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni sar f'April 2021.

(18) Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet l-allegazzjoni tal-EIFI. Minħabba li ma kien hemm l-ebda prova li tissuġġerixxi li l-applikant esporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikant issodisfa l-ewwel kundizzjoni għal NEPT.

(19) Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni għal NEPT, l-EIFI sostna li s-sempliċi dikjarazzjoni ta' ebda relazzjoni, li pprovda l-applikant, ma setgħetx tissodisfa l-oneru tal-prova meħtieġ għal din il-kundizzjoni. B'risposta għall-allegazzjonijiet tal-EIFI, l-applikant spjega li wieħed miż-żewġ azzjonisti tiegħu (li t-tnejn huma persuni privati) huwa wkoll l-uniku azzjonist ta' kumpanija oħra, Ningbo Zhenhai Dongfang Materials Business Department ("Zhenhai"), li la tipproduċi u lanqas ma tbigħ il-prodott ikkonċernat.

(20) Il-Kummissjoni kkonfermat l-identità taż-żewġ azzjonisti u s-sehem tagħhom fl-ekwità tal-applikant fl-Istatut ta' Assoċjazzjoni tal-applikant. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll il-bażi tad-*data* Orbis, li, madankollu, la kien fiha informazzjoni dwar Zhongli u lanqas dwar Zhenhai. Għalhekk, il-Kummissjoni espandiet it-tiftixa tagħha għal bażijiet tad-*data* oħrajn li fihom informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-kumpaniji fir-RPĊ ([9]). Dawn il-bażijiet tad-*data* (a) la wriet li Zhenhai tkun produttur esportatur tal-prodott ikkonċernat, (b) la li waħda mill-kumpaniji għandha azzjonisti differenti minn dawk żvelati mill-applikant, u (c) lanqas li waħda mill-kumpaniji jkollha kumpaniji affiljati addizzjonali. Minħabba li ma kien hemm l-ebda prova li tissuġġerixxi li l-applikant ikun relatat ma' kwalunkwe produttur esportatur fir-RPĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikant issodisfa t-tieni kundizzjoni għal NEPT.

([8]) https://www.cccme.cn/, viżitata fit-12 ta' Settembru 2023.

([9]) Qichacha (https://www.qcc.com/) u Aliyun (https://market.aliyun.com/), viżitati t-tnejn li huma fil-11 ta' Settembru 2023.

(21) Fir-rigward tat-tielet kundizzjoni għal NEPT, l-EIFI sostna li dokument tal-bejgħ, kif jidher fil-verżjoni miftuħa tat-talba tal-applikant, mhuwiex biżżejjed biex juri l-esportazzjonijiet reali lejn l-Unjoni, iżda li jenħtieġ li tiġi ppreżentata wkoll prova reali tal-importazzjoni fl-Unjoni.

(22) L-applikant ipprovda dokumenti ta' sostenn għal konsenji ta' kwantitajiet sinifikanti tal-prodott ikkonċernat lill-Unjoni minn April 2021 'il quddiem, jiġifieri kuntratti ta' bejgħ, fatturi kummerċjali, listi ta' imballaġġ, poloz ta' kargu, fatturi tal-VAT, u formoli tad-dikjarazzjoni tal-importazzjoni mingħand il-klijenti tagħhom fl-Unjoni. Il-Kummissjoni vverifikat dak il-bejgħ mar-rapporti finanzjarji tal-applikant waqt l-RCC. Abbażi ta' dawn il-provi, il-Kummissjoni stabbiliet li l-applikant fil-fatt beda jesporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni minn April 2021 'il quddiem, wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali u għalhekk ikkonkludiet li l-applikant issodisfa it-tielet kundizzjoni għal NEPT.

(23) Għaldaqstant, l-applikant issodisfa t-tliet kundizzjonijiet biex jingħata NEPT, kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament oriġinali u għalhekk jenħtieġ li t-talba tal-applikant tiġi aċċettata. Konsegwentement, jenħtieġ li l-applikant jkun soġġett għal dazju anti-dumping ta' 39,6 % għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun tal-investigazzjoni oriġinali.

4. **DIVULGAZZJONI**

(24) L-applikant u l-industrija tal-Unjoni kienu infurmati bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom tqies li jkun xieraq li tingħata r-rata tad-dazju anti-dumping applikabbli lill-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun tal-investigazzjoni oriġinali lill-applikant.

(25) Il-partijiet ingħataw il-possibbiltà li jippreżentaw il-kummenti tagħhom. Ma wasal l-ebda kumment.

(26) Dan ir-Regolament huwa f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15, il-punt (1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kumpanija li ġejja tiżdied mal-lista ta' "produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun" fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191: ' in the Annex to Implementing Regulation (EU) 2022/191:

Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ningbo Zhongli Bolts Manufacturing Co., Ltd.	899U

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN